Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 29/15

**Marisa Chircop (K.I. Numru 284774M) (appellata)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellant)**

6 ta' Diċembru 2016.

Id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali appella minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-9 ta' Ġunju 2015 li biha ġiet revokata deċiżjoni li Marisa Chircop ma kinitx intitolata għall-għajnuna tal-qagħad minħabba li ma kienx sodisfatt li hi kap tal-familja. Fis-sentenza tiegħu, l-arbitru ipremetta li xehdu quddiem l-Arbitru rappreżentant tad-Dipartiment u Marisa Chircop. Ir-rappreżentant spjega li Marisa Chircop kienet applikat għall-għajnuna għad-diżimpieg u li ma baqgħatx intitolata billi marret tgħix ma' persuna tas-sess maskili minħabba li skontha kienet bdiet process ta' separazzjoni u ma kellhiex fejn tirrisjedi. Għalhekk id-Dipartiment qiesha bħala li tgħix ma' persuna oħra. Marisa Chircop ikkonfermat li kienet għaddejja minn process ta' separazzjoni, u li kienet għal kollox sprovvista mill-assi b'mod li ddeskriviet diffikultajiet ta' natura soċjali li kienet għaddejja minnhom; li ma kellha l-ebda relazzjoni mal-persuna maskili li tgħix magħha; li kienet biss tuża kamra mir-residenza ta' din l-persuna biex almenu jkollha fejn toqgħod; u li kienet qed tipprova tintegra ruħha fid-dinja tax-xogħol. Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-Arbitru laqa' l-appell wara li kkunsidra li:

*"kif dejjem irritjena dan l-Arbitru l-fatt li żewġ persuni, anke jekk ta' sess oppost, fis-sena 2015 ikunu qed jgħixu flimkien mhux neċessarjament tkun ġiet iffurmata familja għal kull effett tal-liġi.*

*"L-Arbitru jikkontendi li kull każ irid jiġi investigat għalih innifsu u biex tirrendi dan il-każ iktar diffiċli għat-teżi tad-Dipartiment, jidher illi ma saret ebda investigazzjoni f'dan il-każ.*

*"Fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, l-Arbitru ma għandux għaliex ma jemminx il-verżjoni tal-appellanti."*

L-aggravju tal-appellant hu li l-appellata ma tikkwalifikax bħala kap tal-familja u għalhekk mhix intitolata għall-benefiċċju tal-qagħad. Biex wieħed ikun ikkunsidrat kap irid iġib provi konvinċenti li huwa jmantni lilu nnifsu. F'dan il-każ Marisa Chircop messha ġiebet provi li verament isaħħu l-posizzjoni tagħha li hija verament il-kap tal-familja, bħal per eżempju li l-kontijiet tad-dawl, ilma, *television* u *telephone* qegħdin fuq isimha u tħallashom hi mill-kont

bankarju tagħha; li hi tmantni lilha nnifisha u għalhekk messha ppreżentat rendikont tal-flus li toħroġ sabiex tagħmel dan. Bil-kuntrarju, fl-applikazzjoni tagħha kkonfermat li l-persuna li tgħix miegħu jaħdem, u meta jkun hemm persuna li taħdem skont il-Kap 318 tkun hi li tiġi kkunsidrata kap tal-familja u kien abbażi ta' hekk li d-Direttur wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-arbitru mar kontra l-liġi meta tefa' l-piż tal-prova fuq id-Direttur minflok fuq il-benefiċċjarja.

L-appellata la wieġbet għall-appell u lanqas dehret fl-udjenzi miżmuma mill-Qorti.

**<u>Konsiderazzjoni tal-aggravji.</u>**

L-Artikolu 2 tal-Kap. 318 jaghti definizzjoni ta' kap tal-familja:

*"'kap ta' familja' dwar familja li tkun ta' żewġ persuni jew iżjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad- Direttur, tkun kap tal-familja".*

L-istess disposizzjoni tipprovdi:

*"'familja' tfisser persuna waħda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita waħedha jew żewġ persuni jew iżjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bħala familja..."*

Ghalkemm skond il-ligi d-Direttur ghandu d-diskrezzjoni sabiex jiddeciedi jekk persuna tikkwalifikax bhala kap tal-familja, id-decizjoni trid tkun wahda ragonevoli. Fl-avviż li l-appellant bagħat lill-appellata, infurmaha li kien ġie deċiż li mhijiex intitolata ghall-għajnuna tal-qgħad għaliex, ***"mhux sodisfatt li inti l-kap tal-familja"***.

Fis-sentenza **Riccarda Cini vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tas-7 ta' Frar 2007, din il-qorti qalet:

*"Huma evidentement distingwibbli minn dawn it-tifsiriet zewg elementi principali u, cjoe, li:*

*(1) dak li jifforma "familja" fis-sens ta' l-Att in diskussjoni mhux bilfors taghmlu l-konsangwinita` jew iz-zwieg, ukoll jekk dawn mhux eskluzi, imma bizzejjed li jkollok bhala pre-rekwizit sitwazzjoni fejn zewg persuni junixxu ruhhom f'relazzjoni ko-abitativa anke barra miz-zwieg;*

*(2) id-Direttur hu moghti diskrezzjoni biex jiddetermina fil-fehma tieghu l-ezistenza ta' tali familja u tal-kap taghha."*

Il-qorti kompliet tghid li d-diskrezzjoni m'hijiex assoluta u li:

*"Fil-fehma konsiderata taghha l-Qorti tahseb li mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew*

*aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghandha tikkreja l-prezunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista' jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b' kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. L-importanti hu li meta tipprezenta ruhha tali sitwazzjoni wiehed m'ghandux jitlaq minn attitudni errata u koncett zbaljat illi ghax sempliciment l-persuni jkunu qed jabitaw fl-istess dar, ergo tezisti dejjem il-kwalifika ta' 'familja'".*

F'każ ta' persuna li tgħix ma' persuna oħra, mhuwiex biżżejjed li żewġ persuni jabitaw flimkien taħt l-istess saqaf, imma wkoll li jabitaw flimkien *"bħala familja"*. Il-kunċett ta' "familja" mhux definit mill-Kap. 318. Il-fatturi varji li jinċidu fuq il-familja ma jippermettux li jiġi ffissat mudell soċjali uniformi lanqas fl-ambitu tal-istess ordinament ġuridiku. Tentattiv sabiex wieħed jasal għall-qalba tal-kunċett ta' familja sar minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-kaz **Pauline Manche` v Direttur tas-Sigurta` Soċjali**[1]**:**

*"Illi, mbagħad, wieħed irid jara jekk huwiex minnu li t-tifsiriet ta' "familja" u "kap tal-familja" li jinsabu fl-Att m'humiex ċari, kif tippretendi l-appellanti. Fl-ewwel lok irid jingħad li għalkemm l-appellanti tgħid (par 6B tar-Rikors promotur) li l-Att ma jagħtix tifsira ċara tal-kelma "dar", jidher li hija kienet qegħda tirreferi għall-kelma "familja", għaliex "dar" m'hija mfissra mkien speċifikatament f'dik il- liġi. Min-naħa l-oħra, it-tifsira ta' "familja"*[12] *hija waħda elaborata u, f'każ ta' benefiċċji partikolari hemm imsemmija, hemm il-possibilita' li iżjed minn persuna waħda li tgħammar fl-istess dar ma' ħaddieħor titqies bħala "familja" għaliha. L-Għajnuna li kienet tirċievi l-appellanti ma ntweriex li kienet waħda minn dawn iċ- ċirkostanzi partikolari msemmija fit-tifsira. Mela, f'dan il-każ, l-opinjoni tad-Direttur dwar jekk l-appellanti u bintha u Zammit jitqisux bħala familja waħda hija kruċjali. Sakemm l-opinjoni tintwera li hija marbuta ma' fatti u ċirkostanzi rejali, m'għandux għalfejn isir stħarriġ dwar jekk dik il-fehma hijiex tajba jew le. B'żieda ma' dan, irid jingħad li l-Qrati tagħna wkoll kellhom okkażjoni jfissru kif għandu jiġi mifhum il-kunċett ta' "familja": u dan mhux biss fil-liġi in ġenerali, imma wkoll f'liġijiet speċjali, u b'mod partikolari taħt il-liġi dwar l-Assistenza Soċjali. F'dawn id-deċiżjonijiet kollha, l-"familja" m'hijiex imliġġma bil-kundizzjoni sine qua non ta' żwieġ u lanqas ta' koabitazzjoni f'qafas ta' dak li llum jissejjaħ common law marriage,* ***imma ta' konvivenża ta' żewġ persuni jew iżjed f'dar jew ambjent komuni b'attributi ta' qsim bejniethom ta' dak li jseħħ fil-ħajja tagħhom*** *(enfasi miżjuda minn din il-Qorti)";*

Ma jirriżultax u anzi l-appellata tiċħad, li hemm xi relazzjoni amoruża bejnha u l-persuna l-oħra. Jidher li l-appellata sempliċiment sabet kenn temporanju f'ċirkostanzi ferm diffiċli għaliha fejn spiċċat ta' fuqha senduqa fil-proċess ta' separazzjoni personali minn ma' żewġha. Dan ma jfissirx li ffurmat familja ġdida. Sa hawnhekk il-qorti taqbel mar-ragunament tal-Arbitru.

Pero' persuna waħda tista' wkoll tkun familja. Madankollu skont il-liġi sabiex persuna waħda tkun familja, trid tkun fil-fehma tad-Direttur ***"tabita waħedha"*** (artikolu 2). Ġialadarba l-appellata kienet qegħda tgħix ma' terza persuna fl-istess residenza, ma jistax jingħad li kienet qegħda tgħix waħedha.

[1] 13.01.2004, Imħallef J.R. Micallef.

Lanqas ma ġabet xi prova li kienet qegħda tgħix b'mod indipendenti, bħal per eżempju li tħallas għal bżonnijiet taghha. Kienet l-appellata li semmai kellha tagħti prova li kienet ghal kollox indipendenti minn Eremezer Nyarko. Għalhekk id-Direttur kellu dritt li jikkonkludi li l-appellata m'hijiex kap tal-familja, element li kien meħtieġ sabiex tikkwalifika ghall-għajnuna tal-qgħad.

**Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tad-9 ta' Ġunju, 2015 u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant. Spejjeż a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul